# UFFIĊĊJU STAMPA
## Il-Kurja ta’ l-Arċisqof, Floriana
Tel: 25906203, 21241281 Fax: 21242971 Email: info@maltadiocese.org

3 ta’ Lulju 2009

TQASSIM: MEDIA KOLLHA
MINN : Fr. C. Tabone O.P.
REF : 75/2009

**ARĊIDJOĊESI TA’ MALTA**

Ċirkolari Numru 37

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta’ knejjes u Superjuri Reliġjużi

Regoli temporanji dwar Tqarbin

Minħabba li bdew jidhru f’pajjiżna xi każijiet ta’ Influenza tal-virus H1N1, sakemm jingħataw direttivi oħra, it-Tqarbin Ewkaristiku bl-ostja għandu jsir biss fl-idejn, u mhux fil-ħalq. Fil-każijiet permessi għal Tqarbin mill-kalċi, it-Tqarbin m’għandux jsir billi wieħed jixrob direttament mill-istess kalċi, iżda biss ‘per intinctionem’.

Dawn id-direttivi qed jingħataw, wara konsultazzjoni mal-Awtoritajiet tas-Saħħa, biex kemm jista’ jkun jiġi evitat il-periklu.

Maħruġa mill-Kurja tal-Arċisqof, Floriana, illum 3 ta’ Lulju 2009.

Mons. Lawrence Gatt
Kanċellier

✠ Annetto Depasquale
Isqof Awżiljarju
Viġarju Ġenerali

A. Din iċ-Ċirkolari għandha tinqara s-Sibt u l-Ħadd, 4 u 5 ta’ Lulju.

B. Din il-parti hawn taħt taċ-Ċirkolari mhux biex tinqara fil-knejjes:

1. Is-Saċerdoti, Djakni u Ministri Straordinarji tat-Tqarbin huma mfakkra li għandhom jaħslu idejhom qabel u wara it-Tqarbin Ewkaristiku.

2. Meta ssir Quddiesa Konċelebrata, għandhom jintużaw żewġ kalċijiet: min jippresiedi ċ-ċelebrazzjoni jixrob, skont ir-regoli liturġiċi, id-Demm tal-Mulej li jkun f'kalċi wieħed; il-konċelebranti jitqarbnu bid-Demm 'per intinctionem' mill-kalċi l-ieħor, u l-aħħar konċelebrant, jew id-Djaknu skont il-każ, jixrob id-Demm kollu li jkun fadal f'dan il-kalċi.